

Brussell, 10 ta' Frar 2026  
(OR. en)

5786/26  
PV CONS 2  
AGRI 67  
PECHE 45  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
**(Agrikoltura u Sajd)**  
26 ta' Jannar 2026

. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 5366/26.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

**Lista mhux leġiżlattiva**

5428/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Anness.

AGRIKOLTURA U SAJD

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Programm ta' ħidma tal-Presidenza**



*Preżentazzjoni mill-Presidenza*

Il-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Ċiprijotta rigward is-setturi tal-Agricoltura u s-Sajd.

4. **Strateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija: kwistjonijiet tal-Agricoltura, il-Forestrija u s-Sajd**



5181/26

*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija u kellu skambju ta' fehmiet.


**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**


5. **Regolament li jemenda r-Regolament dwar il-biedja organika fir-rigward tar-regoli dwar il-produzzjoni, it-tikkettar, iċ-ċertifikazzjoni u l-kummerċ**  16969/25  
5294/26  
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament dwar il-biedja organika fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-produzzjoni, it-tikkettar u iċ-ċertifikazzjoni u ċerti regoli dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi u kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

**Affarijiet oħra**

6. Sajd
- a) **Azzjoni urġenti tal-UE meħtieġa fir-rigward tal-Kavall tal-Atlantiku tal-Grigal**  5640/26  
*Informazzjoni mill-Irlanda*


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Irlanda, appoġġata mil-Latvja u l-Polonja, dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-ġestjoni tal-istokk tal-kavalli fl-Atlantiku tal-Grigal. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- b) **Diffikultajiet fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll [l-Artikolu 14] u l-użu ta' CATCH**  5587/26  
*Informazzjoni minn Spanja, il-Belġju, iċ-Ċekja, Franza, il-Greċja, il-Latvja, il-Polonja u l-Portugall*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja, fisem il-Belġju, iċ-Ċekja, Franza, il-Greċja<sup>1</sup>, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja, fir-rigward tad-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll [l-Artikolu 14] u l-użu tas-sistema tal-IT CATCH. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

---

<sup>1</sup> Il-Greċja talbet li l-appoġġ tagħhom jissewma fil-minuti.

- c) **Azzjonijiet għat-titjib tal-Pjan pluriennali tal-WestMed**  5596/26  
*Informazzjoni minn Spanja u Franza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja, f'isem Franza u Spanja, fir-rigward ta' diversi azzjonijiet meħtieġa għat-titjib tal-pjan pluriennali għas-sajd fil-Punent tal-Baħar Mediterran. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

#### Agrikoltura


- d) **Il-benesseri tal-annimali bħala prijorità li tħares 'il quddiem fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni (2026 u lil hinn)**  5461/26  
*Informazzjoni mis-Slovenja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovenja, appoġġata mill-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja u Malta, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.


- e) **Proposta leġislattiva attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**Pakkett ta' simplifikazzjoni fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf**  17054/25  
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni* 17055/25  
17056/1/25 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- f) **It-tikkettar tal-orijini għall-prodotti agrikoli u tal-ikel**  5458/26  
*Informazzjoni minn Franza, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Finlandja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza, f'isem l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Finlandja, Franza, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja, u tal-kummenti minn delegazzjonijiet oħra.

- g) **L-iżgurar tas-sigurtà u s-sovranità tal-ikel tal-UE f'dinja inċerta**  5422/26  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

**h) Is-sitwazzjoni kritika kontinwa fis-suq Ewropew tal-ħalib** ☐ 5552/26  
*Informazzjoni mill-Ungerija*

**i) Pjan Straordinarju tal-UE għall-Kriżi fis-Settur tal-Ħalib Ewropew** ☐ 5550/26  
*Informazzjoni mill-Italja*

Il-punti 6 h) u i) ġew indirizzati flimkien.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija, appoġġata mill-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, u mill-Italja, appoġġata mir-Rumanija u s-Slovakkja. Ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.

**j) Standards ta' Kummerċjalizzazzjoni għal-laħam tat-tjur** ☐ 5547/26  
*Informazzjoni mill-Ġermanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, appoġġata mid-Danimarka, il-Latvja, il-Polonja u s-Slovakkja, dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal-laħam tat-tjur, tal-punti magħmula mid-delegazzjonijiet.

**k) Il-bdiewa li jipproduċu prodotti mir-raba' li jinħadem taħt pressjoni: Azzjoni urġenti biex tiġi protetta l-agrikoltura tal-UE** ☐ 5554/26  
*Informazzjoni mill-Awstrija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

**l) Azzjonijiet meħtieġa għall-protezzjoni ta' setturi agrikoli sensitivi fil-kuntest ta' ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi** ☐ 5625/26  
*Informazzjoni mill-Polonja, l-Awstrija, l-Ungerija u s-Slovakkja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja, f'isem l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Ungerija, dwar il-protezzjoni ta' setturi agrikoli sensitivi fi ftehimiet kummerċjali. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

**m) Ħsara gravi lis-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd ta'  
Malta - appell għas-solidarjetà u l-flessibbiltà tal-UE**  
*Informazzjoni minn Malta*

5676/26

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Malta. Ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- 
- ❶ L-ewwel qari
  - ❷ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
  - ❸ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 5428/26**

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 1:**

**Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2026**

*Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN FRANZA, L-ITALJA U SPANJA dwar il-Pjan Pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran (ir-Regolament (UE) 2019/1022, "Pjan pluriennali tal-WestMed")**

"Franza, l-Italja u Spanja jappellaw lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi data għas-sottomissjoni ta' proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni tal-Pjan pluriennali tal-WestMed. Din id-data għandha tiġi stabbilita malajr kemm jista' jkun, sabiex il-pjan ikun jista' jiġi rivedut qabel il-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru 2026, fejn ser jiġu deċiżi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2027 fil-Baħar Mediterran.

Il-pjan pluriennali rivedut għandu jkoll aħjar ir-realtajiet tas-sajd imħallat tal-Mediterran u jiżgura approċċ aktar bilanċjat fir-rigward tal-isfidi soċjoekonomiċi ffaċċjati mill-industrija tas-sajd, kemm upstream kif ukoll downstream, f'konformità mar-Regolament Bażiku dwar il-Politika Komuni tas-Sajd."

**DIKJARAZZJONI MINN FRANZA, L-ITALJA U SPANJA dwar it-titjib tal-valutazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran**

"Abbażi tal-esperjenza tar-rieżami tal-mudell għall-marlozz fl-EMU1 imwettaq matul l-2025 u b'kunsiderazzjoni tal-ħtieġa li jissaħħu l-valutazzjonijiet xjentifiċi mwettqa skont il-Pjan pluriennali tal-WestMed.

Franza, l-Italja u Spanja jitolbu lill-Kummissjoni taħdem b'mod intensiv fuq ir-rieżami tal-valutazzjonijiet tal-istokkijiet għall-bqija tal-istokkijiet inklużi fil-Pjan pluriennali biex ittejjeb il-parir xjentifiku. Jekk jinkisbu riżultati aktar pożittivi matul is-sena bħala riżultat ta' dak l-eżerċizzju, il-Kummissjoni għandha tipproponi emenda għad-deċiżjoni tal-Kunsill matul is-sena, sabiex tirrikonoxxi dik is-sitwazzjoni. Tista' tiġi kkontemplata valutazzjoni pluriennali biex taqdi l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi."

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 2:**

**Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-oppportunitajiet tas-sajd għall-2026, l-2027 u l-2028 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni**  
*Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, L-ESTONJA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IL-LITWANJA, IN-NETHERLANDS, IL-POLONJA, IL-PORTUGALL, SPANJA U L-IŻVEZJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku fl-2026**

"Peress li għal:

- **TACs tal-UE biss:** COD/03AS.; NEP/8CU25; SOL/3ABC24; RNG/03-; SBR/09S-3411;
- **TACs bejn l-UE u r-Renju Unit:** SAN/234\_3R; SAN/234\_4; SAN/234\_5R; SAN/234\_7R; COD/07A.; COD/7XAD34; HAD/7X7A34; WHG/07A.; BLI/24-; BLI/03A-; PRA/2AC4-C; PLE/7DE.; SRX/2AC4-C; SRX/67AKXD; RJE/7FG.; RJE/07E.; RJF/67AKXD; SRX/07D.; RJU/8-C.; RJU/9-C.; JAX/4BC7D; NOP/2A3A4.; BSF/56712-; ALF/3X14-; RNG/5B67-; RNG/8X14-; SBR/678-;
- **TACs bejn l-UE, ir-Renju Unit u n-Norveġja:** COD/2A3AX4; COD/5BE6A; COD/07D; POK/2C3A4; POK/56-14;
- **TACs bejn l-UE u n-Norveġja:** COD/03AN; PRA/03A.

(i) hemm valutazzjonijiet analitiċi li skonthom il-bijomassa tkun taħt il-Blim; (ii) hemm valutazzjonijiet prekawzjonarji li jirrakkomandaw li ma jsir l-ebda qbid jew li jiġi sospiż is-sajd dirett; (iii) huma permessi biss qabdiet aċċessorji jew sajd xjentifiku; jew (iv) l-UE u l-pajjiż jew pajjiżi terzi rilevanti eskluđew l-applikazzjoni ta' tali flessibbiltà, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet, il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għal sena skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2026. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għal dawn l-istokkijiet."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI, IL-PORTUGALL U SPANJA dwar informazzjoni xjentifika dwar l-ispeċijiet ta' lingwata fid-diviżjonijiet 8c, 8d, 8e, 9 u 10 tal-ICES**

"Bħalissa, fid-diviżjonijiet 8c, 8d, 8e, 9 u 10 tal-ICES, il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-lingwata Senegaliża (*Solea senegalensis*) u l-lingwata tar-ramel (*Pegusa lascaris*) huma ġestiti taħt TAC kombinata (SOO/8CDE34). L-ICES jipprovdi biss parir għal-lingwata komuni fid-diviżjonijiet 8c u 9a.

F'Ottubru 2025, l-ICES ippubblika talba speċjali għal parir li jikkonferma li jkun possibbli għalih li jipprovdi pariri kemm għal-lingwata Senegaliża kif ukoll għal-lingwata tar-ramel fid-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES. Għalhekk, il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES joħroġ parir separat għal-lingwata Senegaliża u tar-ramel għall-2027.

Minħabba d-data limitata disponibbli, l-ICES x'aktarx li jipprovdi parir dwar approċċ prekawzjonarju (il-kategorija 5 tal-ICES) għall-2027. Madankollu, b'data mtejbja, l-ICES jista' jkun f'pożizzjoni li jagħti parir dwar l-MSY (il-kategorija 3 tal-ICES) fit-terminu medju. Il-Portugall u Spanja jimpenjaw ruħhom li jkomplu bl-isforzi biex itejbu d-disponibbiltà tad-data, bl-għan li jippermettu parir ta' kategorija oġhla mill-ICES."

**DIKJARAZZJONI MINN FRANZA, IL-ĠERMANJA, IL-PORTUGALL U SPANJA dwar skambji ta' kwoti**

"Sabiex jiġi ggarantit sa fejn ikun possibbli l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw, l-aringa u s-sebasi fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni 1 u 2 tal-ICES, Franza u l-Ġermanja ser jagħmlu hilitom biex jagħmlu 20 % ta' kull kwota taġghom għall-merluzz tal-linja sewda (HAD/1N2AB.), il-pollakkju iswed (POK/1N2AB.), il-ħalibatt ta' Greenland (GHL/1N2AB.), u speċijiet oħra (OTH/1N2AB.) disponibbli għal skambji ma' Stati Membri li ma għandhomx kwota suffiċjenti għal dawn l-istokkijiet. Il-Portugall, Spanja u Stati Membri oħra kkonċernati għandhom jitolbu skambji sal-31 ta' Jannar 2026. It-talbiet ma għandhomx jaqbu l-ħtiġijiet biex jiġu koperti qabdiet aċċessorji inevitabbli fis-sajd għall-bakkaljaw, l-aringa u s-sebasi. Kwalunkwe kwantità mhux użata mhux ittrasferita għandha tiġi rritornata lill-Istati Membri li inizjalment ikkontribwew għall-iskambju. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, l-Istati Membri li ma jkollhomx kwoti suffiċjenti għal qabdiet aċċessorji inevitabbli bħal dawn ser jagħmlu hilitom biex min-naħa taġghom jipprovdu kwoti ta' bakkaljaw (COD/1N2AB.). Fejn il-kwantitajiet imsemmija hawn fuq ma jippermettux lil dawn l-Istati Membri jkopru l-qabdiet aċċessorji inevitabbli taġghom, Franza u l-Ġermanja ser jagħmlu hilitom biex jaqblu dwar aktar skambji bbażati fuq id-disponibbiltà tal-kwota u fuq il-bilanċ globali tal-iskambju."

**DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, L-ITALJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IN-NETHERLANDS, IL-POLONJA, IL-PORTUGALL, SPANJA U L-IŻVEZJA dwar il-pjanijiet pluriennali**

"Il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja jħeġġu lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr proposta għal emenda tal-pjanijiet pluriennali għall-Baħar Baltiku, għall-Baħar tat-Tramuntana, għall-Ilmijiet tal-Punent u għall-Mediterran tal-Punent fir-rigward tal-Artikoli 4(6) / 4(7) / 4(3) biex tipprovdi ċarezza u koerenza legali bejn l-Artikoli rilevanti tal-pjani pluriennali (MAPs). Il-proposta għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt tal-problemi mqajma fl-applikazzjoni Prattika, il-kriterji u t-termini ta' applikazzjoni tagħhom u tqis kif xieraq l-għanijiet kollha tal-Politika Komuni tas-Sajd. Il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, Spanja u l-Iżvezja ser ikunu ddedikati għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet u ser jikkooperaw b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew sabiex tinstab soluzzjoni bbilanċjata għall-kwistjonijiet identifikati."

**DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA dwar il-Prijorità Eċċezzjonali Daniża tal-Kavalli**

"Fl-1983, il-Kunsill ta lid-Danimarka l-Prijorità Eċċezzjonali tal-Kavalli bi skambju għar-rinunzja tad-Danimarka għall-opportunitajiet tas-sajd għall-kavalli fl-Ilmijiet tal-Punent. Sussegwentement, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha, il-Prijorità Eċċezzjonali tal-Kavalli ġiet attivata fl-1997, fl-2005, fl-2006, fl-2007, u fl-2008. Id-Danimarka jiddispjaċiha li l-Kunsill ma rrispettax il-Prijorità Eċċezzjonali tal-Kavalli fl-2024, għalkemm il-kundizzjonijiet ġew issodisfati b'mod ċar minħabba l-Qabda Totali Permissibbli maqbula.

Madankollu, b'kont meħud tas-sitwazzjoni straordinarja tal-istokk tal-kavalli din is-sena, u b'solidarjetà ma' Stati Membri oħra, id-Danimarka mhux ser tapplika l-Prijorità Eċċezzjonali Daniża tal-Kavalli fl-2025.

Il-Prijorità Eċċezzjonali Daniża tal-Kavalli għandha tiġi rispettata fl-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kavalli fis-snin li ġejjin."

**DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IN-NETHERLANDS, IL-PORTUGALL, SPANJA U L-IŻVEZJA dwar l-iskambji tal-kwoti għall-istokkafixx għall-2026 wara l-konsultazzjonijiet bejn l-UE u n-Norveġja**

Minħabba l-isforzi kollettivi tal-Istati Membri, kien possibbli li jiżdied l-ammont ta' stokkafixx fl-iskambju tal-kwoti man-Norveġja bi 13 000 tonnellata. Ammont sinifikanti ta' kwota mill-Portugall u Spanja għadu qed jiġi ttrasferit lejn il-Ġermanja u n-Netherlands fl-2025. Sabiex titqies l-istabbiltà relattiva, il-kwantitajiet li ġejjin ta' stokkafixx (WHB/1X14), għall-2026, jiżdiedu jew jittieħdu mis-sehem tad-Danimarka, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Irlanda, tan-Netherlands, tal-Portugall, ta' Spanja u tal-Iżvezja:

DE	-4.014,4t
DK	2.475,2t
ES	2.098,2t
FR	1.721,2t
IE	1.916,2t
NL	-5.003,7t
PT	195t
SE	612,3t

L-Istati Membri ser jagħmlu hilitom biex jagħmlu t-trasferimenti adatti tal-istokkafixx disponibbli malajr kemm jista' jkun fl-2025 u fl-2026."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IN-NETHERLANDS, IL-POLONJA, IL-PORTUGALL U L-IŻVEZJA dwar l-aringa Atlantju-Skandjana**

"Id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall u l-Iżvezja jfakkru li fl-2007 fil-ftehim ta' kondiviżjoni għall-aringa Atlantju-Skandjana l-UE naqqset is-sehem tagħha minn 8.38 fil-mija għal 6.51 fil-mija għall-vantaġġ tan-Norveġja dment li jiġi pprovdut aċċess għall-ilmijiet Norveġiżi. L-Istati Membri msemmija hawn fuq innutaw li l-ebda aċċess bħal dan ma kien għadu ġie miftiehem."

## **DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, IL-LITWANJA, IL-POLONJA, IL-PORTUGALL U SPANJA dwar il-bakkaljaw Artiku fiż-Żona Ekonomika Esklużiva Norveġiża**

"L-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja jfakkru li fl-2021, minħabba l-waqfiet tas-sajd maħruġa min-Norveġja, total ta' 5 143 tunnellata tal-kwota tal-UE tal-iskambji bilaterali għall-bakkaljaw ma setax isir sajd għalih fiż-Żona Ekonomika Esklużiva Norveġiża. L-Istati Membri jesprimu d-diżappunt tagħhom li n-Norveġja għadha ma għamlitx dik il-kwantità disponibbli għall-UE fl-iskambji bilaterali.

L-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall u Spanja jappellaw lill-Kummissjoni tkompli immedjatament id-djalogu politiku ta' livell għoli man-Norveġja dwar il-kwistjoni imsemmija hawn fuq, kif ukoll dwar kwistjonijiet oħra ta' sajd miftuħ, u biex issolviha malajr kemm jista' jkun. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri msemmija hawn fuq jappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex tressaq proposta, mhux aktar tard mit-tieni emenda matul is-sena tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026, bi kwota addizzjonali tal-UE għall-bakkaljaw tal-Artiku li għandu jinqabad fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2 tal-ICES, sabiex tissolva l-kwistjoni tad-dejn imsemmija hawn fuq."

## **DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA dwar l-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn**

**"Il-Greċja tappoġġa t-test ta' kompromess finali tal-Presidenza dwar ir-Regolament tal-Kunsill** li jiddetermina l-opportunitajiet tas-sajd fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana għas-snin 2026, 2027 u 2028.

Madankollu, pajjiżna jixtaq jisħaq b'mod ċar li **l-koeffiċjent tal-allokkazzjoni għall-Istati Membri għat-tonna joħloq inugwaljanza li ilha teżisti għad-detriment tal-Greċja**, fatt li kien diġà ġie rikonoxxut f'Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill ta' Diċembru 1999.

Din is-sitwazzjoni tkompli taffettwa b'mod sproporzjonat is-sajd kostali u dak fuq skala żgħira, li għandu rwol soċjali u ekonomiku importanti u għandu impatt ambjentali baxx.

Sabiex **tiġi indirizzata b'mod effettiv din il-problema li ilha teżisti** u biex jissaħħu l-flotot żvantaġġati mill-kwoti storiċi żgħar ħafna, il-Greċja tqis li huwa meħtieġ li **tinħoloq riżerva ta' solidarjetà tal-UE minn kwantitajiet mhux użati tat-tonna.**

Dan huwa partikolarment importanti fis-sitwazzjoni attwali fejn is-sitwazzjoni tal-istokk tgiebet b'mod sostanzjali, u dan jippermetti li tiżdied il-qabda totali permissibbli tat-tonna.

Tali riżerva tippermetti appoġġ immirat u proporzjonat għas-sajd kostali tat-tonn fuq skala żgħira tal-Istati Membri b'kapaċità limitata, mingħajr ma taffettwa l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

Il-Greċja titlob li din il-kwistjoni titqies serjament fid-diskussjonijiet li jmiss dwar l-allokazzjoni interna u dwar l-użu ta' kwantitajiet ġodda jew mhux allokat, peress li tappartjeni għat-**trattament ġust u l-parteċipazzjoni ugwali tal-Istati Membri kollha** fil-ġestjoni tal-istokk."

### **DIKJARAZZJONI MINN FRANZA dwar it-tnaqqis *de minimis***

"L-Istati Membri japprezzaw l-approċċ kollaborattiv tal-Kummissjoni, li jsaħħaħ it-trasparenza tal-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis *de minimis*, peress li dawn għandhom impatt sinifikanti fuq l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd.

Il-Kummissjoni jeħtieġ li żżomm il-metodoloġija tal-kalkolu miżmuma għall-2026, għat-tnaqqis *de minimis* li jirriżulta mir-regola *de minimis* u l-eżenzjonijiet ta' sopravivenza għolja għall-obbligu ta' haħt l-art."

### **DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA dwar il-Preferenzi ta' The Hague**

"Il-Preferenzi ta' The Hague jikkostitwixxu parti integrali mill-Istabbiltà Relattiva, u jirriflettu l-ħtieġa għas-salvagwardja tal-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni fejn il-popolazzjonijiet lokali huma partikolarment dipendenti mis-sajd u l-industriji relatati. Dan huwa rikonoxxut b'mod espliċitu fil-Politika Komuni tas-Sajd u ġie stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 170/83, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 3760/92, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2371/2002 u r-Regolament attwali dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1380/2013.

Meta l-Istabbiltà Relattiva ġiet stabbilita għall-ewwel darba, l-Irlanda aċċettat ishma ta' Stabbiltà Relattiva aktar baxxi għal ħafna stokkijiet — bi skambju għall-garanzija tal-protezzjoni tal-Preferenzi ta' The Hague.

L-Irlanda invokat il-Preferenzi ta' The Hague rilevanti għall-2026 f'konformità mal-proċedura fis-seħħ għal aktar minn 30 sena u jiddispjaċiha ħafna għan-nuqqas ta' applikazzjoni tagħhom fir-Regolament wara oppożizzjoni minn ċerti Stati Membri.

Dan jikser il-ftehim storiku li jistabbilixxi l-istabbiltà relattiva bħala l-pedament tal-PKS u huwa l-mezz li bih ir-riżorsi ilhom jiġu kondiviżi mill-1983. L-elementi kollha tal-ftehim tal-1983, li saru permezz ta' kompromess mill-partijiet kollha wara sitt snin ta' negozjati, jibqgħu vitali bl-istess mod.

L-Irlanda hija kompletament konxja mit-tħassib ta' Stati Membri oħra dwar l-impatt tat-tnaqqis tal-kwoti u għamlitha ċara li lesta timpenja ruħha mal-Istati Membri affettwati mill-Preferenzi ta' The Hague. Madankollu, ir-rieda tagħna li nagħmlu kompromessi eċċezzjonali fl-2026 ma ġietx reċiprokata.

Dan l-imblukkar ta' mekkaniżmu stabbilit sew li kien parti mill-arkitettura ġenerali tal-PKS huwa diżappuntanti ħafna u jmur direttament kontra l-ispirtu ta' solidarjetà, kooperazzjoni mill-qrib u kompromess li jirfed il-PKS.

L-Irlanda tasserixxi li bidliet għal kwalunkwe aspekt tal-Istabbiltà Relattiva, inkluż l-applikazzjoni tal-Preferenzi ta' The Hague għandhom jitqiesu biss bħala riżultat ta' eżami sħiħ tal-aspetti kollha tal-istabbiltà relattiva frieżami strutturat tal-PKS.

Għalhekk, l-Irlanda ser tkun qed tinvoka l-Preferenzi ta' The Hague rilevanti fiż-żmien xieraq fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2027 u tilqa' u tistenna b'interess li tiddiskuti mal-Istati Membri."

### **DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA dwar it-Tonna**

"L-Irlanda tfakkar li fil-laqgħa annwali tal-ICCAT għall-2025, intlaħaq qbil dwar l-istabbiliment tal-Qabda Totali Permissibbli tat-Tonna u l-allokazzjonijiet għat-tliet snin li ġejjin. Dan il-ftehim, kif appoġġat mill-UE, jipprevedi allokazzjonijiet għal parteċipanti ġodda u żidiet għal CPCs iżgħar eżistenti.

Jekk l-UE tista' tappoġġa din il-pożizzjoni fil-livell internazzjonali, allura trid tkun lesta wkoll li tapplika l-istess pożizzjoni internament.

Stati Membri, bħall-Irlanda, b'każ qawwi għal allokazzjoni nazzjonali għat-Tonna u detenturi iżgħar ta' kwoti tal-UE eżistenti, m'għandhomx jirċievu trattament inqas favorevoli minn Pajjiżi Terzi.

Fid-dawl ta' dan, l-Irlanda ttenni l-appell tagħha biex tinfetaħ diskussjoni dwar ir-riallokazzjoni interna tal-kwota tal-UE għat-Tonna."

**DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IN-NETHERLANDS, IL-PORTUGALL, SPANJA U L-IŻVEZJA dwar is-sajd mhux sostenibbli tal-kavalli tal-Grigal tal-Atlantiku**

"L-Istati Membri msemmija hawn fuq jiddispaċihom dwar is-sajd mhux sostenibbli tal-kavalli mwettaq minn ċerti pajjiżi terzi tal-Atlantiku tal-Grigal. Dan is-sajd mhux sostenibbli wassal biex l-istokk ikun taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri u f'xi fer kollass, minkejja l-istabbiliment stabbli u responsabbli tal-kwoti tal-Unjoni Ewropea. It-tnaqqis fl-istokk u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi kkwawżaw konsegwenzi severi għall-industrija u l-komunitajiet tas-sajd tal-Unjoni.

L-Istati Membri msemmija hawn fuq jiddispaċihom għan-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi tal-Atlantiku tal-Grigal mal-Unjoni Ewropea għall-ġestjoni tal-kavalli u stokkijiet pelaġiċi oħra tal-Atlantiku tal-Grigal. L-Istati Membri ta' hawn fuq jinnotaw li l-Partijiet Kontraenti l-oħra kollha tan-NEAFC ivvutaw kontra l-proposta tal-Unjoni Ewropea dwar miżuri ta' ġestjoni għall-kavalli għall-2026 fil-laqgħa tal-11-14 ta' Novembru 2025 tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) biex tiġi stabbilita t-TAC għall-2026 għall-kavalli f'konformità mal-parir tal-ICES. L-Istati Membri ta' hawn fuq huma mħassba ħafna li erba' pajjiżi terzi qablu dwar qabda totali permissibbli annwali li tiddevja mill-parir ewlieni tal-ICES mingħajr ma pprovdew ġustifikazzjoni, u qablu dwar arranġament ta' kondiviżjoni li ma jinkludix il-Partijiet Kontraenti kollha tan-NEAFC. Barra minn hekk, fin-NEAFC, erba' Partijiet Kontraenti opponew il-projbizzjoni tat-trażbordi, u b'hekk ippermettew li jitkomplew it-trażbordi mhux immonitorjati u mhux ikkontrollati tal-qabdiet tal-istokkijiet pelaġiċi. Barra minn hekk, l-Istati Membri ta' hawn fuq jinnotaw li l-Unjoni Ewropea għet eskluża mill-konsultazzjonijiet dwar is-sajd rigward dan u stokkijiet pelaġiċi oħra bħall-aringa Atlantiku-Skandjana, u li ċerti pajjiżi terzi tal-Atlantiku tal-Grigal għadhom jirrifjutaw li jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet sinifikanti dwar arranġamenti ta' kondiviżjoni mal-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri msemmija hawn fuq jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tidentifika miżuri xierqa biex twieġeb għal din il-kriżi. Huma jfakkru fir-Regolament (UE) Nru 1026/2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli."

**DIKJARAZZJONI MINN FRANZA, SPANJA U L-KUMMISSJONI dwar il-parir xjentifiku għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 8.a-b (il-Golf tal-Biskalja tat-Tramuntana u Ċentrali)**

"Il-mudell ta' valutazzjoni għall-ispnotta fid-diviżjonijiet 8.a-b ġie vvalutat b'mod komparattiv fl-2025, u dan irriżulta f'bidla fil-perċezzjoni tal-istokk u f'valur ta' parir għall-2026 bejn 187 % u 190 % ogħla mill-valur ta' parir għall-2025. Il-Kunsill iddeċieda li jillimita t-tneħħija totali għas-sena 2026 għal 3 883 tonnellata kemm għall-qabdiet kummerċjali kif ukoll għal dawk rikreattivi u għall-iskartar, li jikkorrispondu għal żieda ta' 48 % meta mqabbla mal-2025. Franza appellat għal aktar prevedibbiltà u stabbiltà fl-istabiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għal dan l-istokk, b'mod partikolari permezz tal-għoti ta' parir pluriennali, jiġifieri parir li jkopri perjodu ta' sentejn jew aktar. Il-Kummissjoni ser tikkonsulta lill-ICES permezz ta' talba speċjali dwar il-possibbiltà li jingħata parir pluriennali għal dan l-istokk. Il-Kummissjoni ser tikkonsulta wkoll lill-ICES dwar il-possibbiltà li jiġu inklużi xenarji li jipprojetaw limiti differenti tal-qabda rikreattiva (sa 5 ħutiet kuljum) fil-parir pluriennali."

**DIKJARAZZJONI MILL-FRANZA, SPANJA, IL-PORTUGALL U L-KUMMISSJONI dwar il-parir xjentifiku għall-Pollakkju (*Pollachius pollachius*) fis-Subżona 8 u d-Diviżjoni 9.a (il-Golf tal-Biskalja u l-ilmijiet Iberiċi tal-Atlantiku)**

"Wara l-punt ta' riferiment tal-valutazzjoni tal-istokk fl-2023, il-parir għall-Pollakkju (*Pollachius pollachius*) fis-Subżona 8 u d-Diviżjoni 9.a jingħata abbażi tal-Kategorija 3 ta' Data dwar l-Istokkijiet tal-ICES. Sforz xjentifiku addizzjonali, b'mod partikolari mill-proġett ACOST (2021-2025) immexxi mill-Istitut Nazzjonali Franċiż, Ifremer, jista' jagħti riżultati biex jgħin jirfina l-għarfien tal-istokk u jaġġorna d-data eżistenti.

Il-Kummissjoni ser tikkonsulta lill-ICES dwar il-possibbiltà li jitwettaq punt ta' riferiment dwar dan l-istokk li għandu jinżamm ladarba r-riżultati tar-riċerka xjentifika addizzjonali jkunu disponibbli u jekk xieraq."